

# Ħarsa lejn l-ewwel Statut tal-Fratellanza ta' San Ġużepp

Kitba ta' Dun Jonathan Farrugia S.Th.L.

*Nota Editorjali*
*Tista' tgħid li f'kwalunkwe ħarġa ta' din is-sensiela ta' 20 pubblikazzjoni, għandek issib artiklu jew aktar dwar il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Mhux biss għax dejjem tqieset bħala Omm il-Festa u s-Soċjetà Ġużeppina, iżda wkoll għax l-imħabba tad-Devoti Ġużeppini Koppin lejha, ma ttiefset qatt! L-interess lejn din il-Fratellanza għażiża kompla tkattar fl-aħħar snin b'numru sabiħ ta' professjonijiet. F'dan l-artiklu interessanti naraw kemm il-Fundatur Dun Ġużepp Barbara D. D. kien strett fir-regolamenti li kellhom josservaw l-ewwel imsieħba u x'kien qed jistenna li joħroġ mit-twaqqif u l-ħidma ta' din l-għaqda reliġjuża.*

Xi xhur ilu, waqt li kont qed infittex fl-arkivju tal-Kurja Arċiveskovili fil-kotba tar-rikorsi, laqatni l-isem Casal Chircop f'waħda mill-paġni u minnufih qrajt l-ewwel ftit linji biex nara fuqiex kien jitratta. Kien fil-fatt ir-rikors li kien għamel il-Kappillan Barbara biex titwaqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp f'din il-parroċċa.[1] Peress li issa ilni diversi snin nippubblika, fl-okkażjoni ta' din il-Festa, xi riċerka tiegħi relatata mad-devozzjoni lejn dan il-Qaddis f'Malta, u anke peress li l-bużnanna tiegħi kienet Koppija minn tal-Giżija, qrajt ir-rikors kollu bil-ħsieb li għal din is-sena nikteb xi ħaġa dwaru.

## L-istruttura tar-rikors

B'kollox ir-rikors fih seba' paġni – ħaġa mhux tas-soltu ħlief meta jkun għal xi biċċa xogħol li tirrikjedi ħafna spjegazzjoni. Ir-raġuni għala hu daqshekk twil kienet għax fih il-Kappillan ħaseb biex jinkludi l-istatut kollu li hu kien ħejja għal din il-Fratellanza ġdida li kellha titwaqqaf. Żgur illi b'dan il-ħsieb ħaffef biex joħroġ il-permess, għax kieku sar biss rikors għat-twaqqif tal-Fratellanza, kien ikollu jsir rikors ieħor biex imbagħad jiġi approvat l-istatut.

Wara t-talba għall-permess tal-fondazzjoni, ir-rikors jinkludi fih ħames partijiet oħra: l-Istatut, il-kundizzjonijiet biex jiġu aċċettati l-membri, il-dmirijiet tal-persuni li jkollhom rwol uffiċjali fil-Fratellanza, ir-regolamenti għall-elezzjonijiet u d-dmirijiet li jorbtu kull membru. Il-Fratellanza tiġi msejħa ismijiet differenti matul ir-rikors – "*fratellanza*" "*sodalità*" "*congregazione*" – imma kollha jirreferu għal din l-għaqda ġdida li kellha titwaqqaf.

Għalhekk issa se nagħtu ħarsa lejn kull waħda minn dawn il-partijiet u nippruvaw nifhmu ftit il-ħsieb warajhom tal-Kappillan Fundatur, fil-kuntest storiku u soċjali tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop.

## It-talba

Bħal kull rikors ieħor, dan jibda bil-forma klassika ta' kif kellhom isiru r-rikorsi minn kappillani għand l-Isqof tad-djoċesi: "*Eccellenza reverendissima, l'umile ricorso del sac. Giuseppe Barbara D.D. parroco e rettore della veñda chiesa Par.le di Casal Chircop...*". F'din l-introduzzjoni r-rikorrent juri l-identità tiegħu u bl-umiltà kollha jgħid li jixtieq jitlob permess biex tiġi ntrodotta xi ħaġa ġdida, jew inkella biex tinbidel xi ħaġa li diġà hemm.

Imbagħad jagħti ftit informazzjoni dwar is-sitwazzjoni li għandha tiġġustifika t-talba li huwa jkun se jagħmel. F'dan il-każ, il-Kappillan Barbara jistqarr li fil-Parroċċa tar-raħal ta' Ħal Kirkop teżisti d-devozzjoni sabiħa lejn il-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp, u jżid dettall żgħir li jgħid "*attualmente Patrono della Chiesa Cattolica*". Minn dan nistgħu nisiltu xi dettalji nteressanti.

L-ewwel u qabel kollox jidher illi d-devozzjoni lejn San Ġużepp kienet teżisti f'Ħal Kirkop qabel ma sar kappillan Dun Ġużepp. Ċertament ma kinitx devozzjoni li bdiet mat-twaqqif tal-Fratellanza fl-1878, kif fil-fatt jixhed legat li kien sar fit-3 ta' Frar 1684 biex mill-imgħax ta' somma flus tibda ssir festa f'ġieħ San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu.[2] Dan jixhed ukoll li dak iż-żmien kien hemm artal jew kwadru ta' San



**Ir-Rikors li kiteb il-Kappillan Barbara fl-1878 biex setgħet titwaqqaf il-Fratellanza**

Ġużepp fil-Knisja ta' Ħal Kirkop. Barbara kien beda l-parrokkat tiegħu f'din il-Parroċċa inqas minn sentejn qabel, għalhekk huwa mprobabbli li l-bidu ta' din id-devozzjoni kienet ħidma tiegħu. Bla dubju, iżda, li d-devozzjoni kibret u tkattret għal dak li hi llum grazzi għalih.

Fir-rikorsi tingħata attenzjoni kbira għall-kliem li jintuża, għax kelma wżata ħażin tista' tibdel it-tifsira globali, u dan jista' jwassal biex it-talba tar-rikorrent ma tintlaqax. Għalhekk l-ebda kelma ma titpoġġa hemm għalxejn, u l-analiżi tal-kliem jista' jsarraf fi ftehim aktar profond u korrett ta' rikorsi simili. Il-fatt li jżid id-dettall dwar il-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja Kattolika, għalhekk, jista' jagħti xi ftit informazzjoni dwar il-qawmien ġdid ta' din id-devozzjoni.

San Ġużepp ġie maħtur Patrun tal-Knisja fit-8 ta' Diċembru 1870 mill-Papa Piju IX. L-avverbju *attualmente* ("issa", "f'dan iż-żmien") li nsibu fis-sentenza li ikkowtajt ftit 'il fuq, jorbot dak li ġej fir-rikors ma' dan il-fatt li kien għadu attwali fir-realtà tal-poplu, u għalhekk jimplika li fil-każ ta' Ħal Kirkop kien hemm differenza bejn iż-żmien qabel ma San Ġużepp sar il-Patrun tal-Knisja u ż-żmien ta' wara. Il-fatt li jintuża appuntu f'dan ir-rikors, fil-kuntest ta' din id-devozzjoni li kienet ġa teżisti fil-Parroċċa, jista' jfisser li d-devozzjoni bdiet tikber appuntu mal-ħatra ta' San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja, jiġifieri mill-1870 'il quddiem. Jekk inpoġġu dan fil-kuntest ta' Malta naraw li hemm ċertu armonija. Waqt li d-devozzjoni lejn San Ġużepp f'pajjiżna tmur lura aktar mill-1870,[3] huwa ċar illi minn din id-data 'il quddiem id-devozzjoni in ġenerali għamlet qabża kbira. Fil-fatt naraw li l-eqdem parroċċi f'Malta ddedikati lil San Ġużepp saru wara din id-data.[4]

Fatt ieħor li jkompli jsaħħaħ din l-ipoteżi hija l-pittura li naraw fuq l-artal li miegħu hija marbuta din il-Fratellanza f'Ħal Kirkop. Il-pittura turi lil San Ġużepp bil-Bambin fuq is-sħab iħares fuq il-bażilka vatikana ta' San Pietru, li minn dejjem kienet is-simbolu per eċċellenza tal-Knisja Kattolika kollha. Din it-tip ta' ikonografija ġeneralment ma tmurx lura aktar mill-1870, għax huwa minn din is-sena li nibtet u kibret ir-rabta bejn San Ġużepp u l-Knisja. Kien fil-fatt wara din id-data li diversi knejjes bidlu l-pitturi li kellhom ta' San Ġużepp b'tema ġenerali ma' oħrajn b'tema aktar speċifika li turi l-Patrunaġġ ta' dan il-Qaddis fuq il-Knisja.[5]

Minn dan kollu għalhekk nistgħu nikkonkludu li t-talba li għamel il-Kappillan Barbara, kienet risposta għas-sitwazzjoni attwali ta' dak iż-żmien fir-raħal ta' Ħal Kirkop: id-devozzjoni mġedda kienet għadha fenomenu kemmxejn 'ġdid', iżda tant kienet kibret f'daqqa li ħass id-dmir li b'xi mod din kellha tiġi rikonoxxuta b'mod uffiċjali. Dan jiġi kkonfermat mill-punt li jmiss fir-rikors: "*per l'aumento e maggior fervore di tale devozione gli abitanti di questa Parrocchia grandemente desiderano che vi si erigesse una Confraternità in onore del suddetto Santo Patriarca*". Ix-xewqa li titwaqqaf il-Fratellanza, allura, kienet ġejja mill-poplu appuntu minħabba li fosthom id-devozzjoni kienet kibret u żdiedet fil-ħeġġa. Il-kliem użat ("*aumento*" u "*maggior*") juri li milli seta' jara Barbara, id-devozzjoni għaddiet minn progress kwalitattiv u kwantitattiv. Dan b'hekk ikompli juri, li din ir-realtà li nħolqot ftit taż-żmien qabel sar Kappillan hu, kienet għaddejja minn dak il-fervur tal-bidu li fih, bħal kull ħaġa ġdida oħra, kibret b'pass mgħaġġel.[6]

Wara li jesponi s-sitwazzjoni li kellha x'taqsam mar-realtà fir-raħal rigward id-devozzjoni lejn San Ġużepp, il-Kappillan jasal għall-punt li għalih jagħmel ir-rikors: "*Per tanto il Ricorrente, non trovando nessuna difficoltà, prega l'Eccellenza V. Rev.ma approvare tale Pio Desiderio e degnarsi erigere canonicamente tale nuova Confraternità di S. Giuseppe*". Minn dal-kliem il-punti l-aktar importanti li nistgħu nisiltu huma dawn: l-ewwel nett naraw li t-twaqqif ta' din il-Fratellanza kien se jsir bil-barka tal-Kappillan, li ma kien qed isib l-ebda diffikultà

biex dan iseħħ u li din il-Fratellanza kienet xi ħaġa ġdida għar-raħal ta' Ħal Kirkop – iġifieri li sa dak iż-żmien id-devozzjoni li kien hemm lejn San Ġużepp kienet ħaġa fuq livell popolari, bla ma kien hemm l-ebda rikonoxximent uffiċjali tagħha.

Kelma interessantissima u li fiha ċertu piż f'dan il-vers hija "*canonicamente*". 'Kanoni' hija kelma teknika li normalment tfisser 'norma' jew 'regola'. Fil-kuntest ekkleżjastiku tirreferi għal digriet jew deċiżjoni tal-Knisja fuq xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-fidi jew inkella ma' xi prattika ekkleżjastika. Għalhekk meta ngħidu li xi ħaġa saret kanonikament inkunu qed infissru li saret skont in-normi stabbiliti biex issir kif suppost. Fir-rikors, din il-kelma tidher b'sinjal imħażżeż taħtha, biex tingħatalha aktar enfasi. Ir-raġuni għala l-Kappillan insista fuq dil-kelma hi, għax kienet prattika komuni f'Malta li jitwaqqfu l-fratellanzi jew l-għaqdiet fi ħdan il-parroċċi bla ma dawn ifittxu l-approvazzjoni ekkleżjastika kif suppost.[7]

Wara dan il-vers, li nistgħu ngħidu li miegħu jdur ir-rikors kollu, insibu nota li tgħid li hemm ukoll inklużi l-istatut u r-regolamenti ta' din il-Fratellanza l-ġdida li kellha titwaqqaf, sabiex dawn jiġu eżaminati u approvati mill-Isqof. Ir-rikorrent jinsisti li dawn saru biex din titmexxa sewwa u li kollha jwasslu għal kult aqwa lejn il-Qaddis.



L-Ewwel Statwa ta' San Ġużepp fi żmien il-Kappillan Barbara, li llum tinsab fil-Kappella tal-Loretu tal-Gudja.

## L-Istatut

Dan huwa magħmul minn tliet punti, li mbagħad jiġu amplifikati fil-partijiet ta' wara li għandhom x'jaqsmu mar-regolamenti.

L-ewwel punt jgħid li l-unika raġuni għala qed titwaqqaf din il-Fratellanza taħt il-Patroċinju ta' San Ġużepp hija biex minnha jieħdu vantaġġ spiritwali l-erwieħ (tal-membri) billi jkun hemm aktar parteċipazzjoni fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti li jagħmluna aktar denji f'għajnejn Alla ("*per mezzo della frequenza dei Sacramenti, che ci rendono virtuosi presso Dio*"). Minn kummenti hekk naraw kemm verament il-ħsieb tal-Kappillan kien wieħed pastorali, mhux li jnissel firdiet fil-Parroċċa. Dan jidher aktar ċar f'waħda mill-kundizzjonijiet li jorbtu l-membri kollha ta' din il-Fratellanza, li se naraw aktar 'il quddiem. Fi ħsiebu, u dan jidher ċar mill-kliem li juża, – u bħalma rajna, fir-rikorsi l-ebda kelma ma titpoġġa hemm għalxejn – ma kintx se tkun il-Fratellanza *per sè* li se tqarreb il-membri lejn Alla, imma l-parteċipazzjoni fis-sagramenti li kienu jorbtu lill-membri tagħha! Il-Fratellanza, immarkata mill-imħabba lejn San Ġużepp, kellha tkun it-triq li twassal għal imħabba ikbar lejn Alla; qatt ma kien il-ħsieb li tkun għan fiha nfisha.

Iż-żewġ punti ta' wara juru kif dan kellu jsir: il-membri kellhom jaraw li l-imġieba tagħhom tkun tixirqilhom bħala Wlied il-Missier Maħbub tagħhom, li f'kull ma jagħmlu jagħtu ġieħ lill-Protettur tagħhom speċjalment billi jagħmlu viżta lil Ġesù Ewkaristija kuljum u billi jagħmlu wkoll opri ta' ħniena. Enfasi partikulari titpoġġa fuq l-obbligu li kellu kull membru biex jara li ma jdejjaqx lil San Ġużepp billi joffendi lill-Iben putattiv tiegħu.

L-aħħar punt tal-istatut jgħid li ebda membru ma kellu, għall-ebda raġuni, jfalli s-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin, almenu fit-tieni Ħadd tax-xahar, jum iddedikat lil San Ġużepp; u kellhom ukoll jieħdu sehem fil-Purċissjoni li kienet issir f'ġieħ dan il-Qaddis f'din il-ġurnata. Mill-verb li juża Barbara f'relazzjoni ma' din il-purċissjoni ("*di accompagnare la processione, che in tal giorno* ***si suol fare*** *ad onore del Santo*"), li letteralment ifisser "li s-soltu ssir", jidher li din kienet diġà ssir qabel it-twaqqif tal-Fratellanza, għalhekk dan juri li d-devozzjoni kienet ġa rabbiet l-għeruq sewwa.

Naraw għalhekk li l-professjoni fil-Fratellanza kienet timplika wkoll impenn serju fil-ħajja nisranija, b'mod speċjali fejn jidħol l-eżempju li wieħed jagħti fi kliemu u fl-attendenza tiegħu għas-sagramenti. Tajjeb li nżommu f'moħħna li fi żmien meta l-kappillan kien l-awtorità ewlenija fir-raħal, meta l-popolazzjoni kienet ferm inqas milli hi llum, kien relattivament faċli għalih li jara li dawn ir-regolamenti kienu qed

jiġu osservati minn kull min kien jagħżel li jifforma parti minn din il-għaqda.

## Il-meħtieġ biex wieħed isir membru

Jidher illi l-ingress ma kienx xi ħaġa ta' bla importanza. Forsi llum nimmaġinaw li kull min ried jidħol fi fratellanza kull ma kellu jagħmel kien li jippreżenta ruħu dakinhar tal-professjoni, xi ftit jew wisq kif isir illum. Imma mija u tlieta u tletin sena ilu l-affarijiet ma kinux daqshekk faċli.

Waqt li r-regolamenti jgħidu li kulħadd seta' jagħmel it-talba biex jinkiteb, biex din it-talba tiġi milqugħa, kellha tiġi ppreżentata u approvata mill-konsulta privata tal-kumitat tal-Fratellanza. F'din il-konsulta kienet issir votazzjoni u l-persuna interessata tiġi aċċettata biss jekk iġġib maġġoranza tal-voti. Setgħu japplikaw persuni, sew irġiel kif ukoll nisa, minn tnax-il sena 'l fuq.

L-ingress kien jinvolvi wkoll kontribuzzjoni finanzjarja. Nifhmu li l-fratellanzi setgħu jlaħħqu mal-ispejjeż tagħhom biss mill-flus li kienu jagħtu l-membri ladarba ma kellhom l-ebda forma ta' dħul ieħor. B'hekk kien hemm ammont ta' flus li kull membru, raġel u mara, kellu jħallas meta jipprofessa u mbagħad somma oħra li kulħadd kellu jħallas kull sena.

Ir-regolamenti jgħidu ċar li "*ogni fratello e sorella nel loro ingresso nella Confraternità dovranno contribuire per una sol volta tarì*[8] *sette*" u mbagħad "*tutti gli ascritti pagheranno tarì sei all'anno*". Dan il-ħlas ta' kull sena kien jibda jsir minn mindu l-membru jagħlaq għoxrin sena, età li fiha kulħadd kien ikun beda' jaħdem u probabbilment kien ikun ukoll miżżewweġ. Il-flus li kienu jitħallsu nhar il-professjoni kienu jinqasmu hekk: żewġ tarì jmorru lill-Kappillan u l-ħamsa l-oħra għall-ispejjeż tal-altar tal-Fratellanza.

Hawn tidħol mistoqsija interessanti: xi spejjeż seta' jkollu l-altar, u liema altar kien ladabra dak iż-żmien ma kienx hemm altar iddedikat lil San Ġużepp? Nafu li wieħed mill-altari tal-knisja fl-1592 kien iddedikat lil San Ġużepp,[9] iżda dan biż-żmien tneħħa, forsi meta tkabbret il-knisja fis-seklu XVIII. Fl-1877 il-Kappillan Barbara rregala lill-knisja statwa ċkejkna ta' San Ġużepp, u li mbagħad fl-1926 ġiet irregalata minn Barbara stess lill-knisja tal-Madonna ta' Loreto fil-Gudja, fejn għadha sal-lum. Post din l-Istatwa fil-Knisja ta' Ħal Kirkop kien fuq l-altar ta' Marija Addolorata, appuntu fejn illum hemm is-sottokwadru ta' San Ġużepp. L-artal li għalih qed jirreferu r-regolamenti tal-Fratellanza, għalhekk, huwa dan. L-ispejjeż għandna nifhmu li kienu jinkludu l-armar neċessarju għall-kult, għal-lampier, u anke għat-tiżjin li mbagħad kien beda jintrama' fil-ġranet tal-festa. Jista' jkun li kien fil-ħsieb ta' Barbara li parti minn dawn il-flus imorru biex l-artal innifsu jiġi rinovat u titpoġġa fuqu l-arma tal-qaddis flok dik li kien hemm qabel; kif ġew l-affarijiet, iżda, l-arma ta' San Ġużepp tpoġġiet mal-faċċata tal-artal fl-1923 meta dan sar kollu tal-irħam u tħallas minn Dun Ġużepp stess.

Spejjeż oħrajn li jissemmew huma li n-nisa kellhom iħallsu żewġ tarì oħra kull sena għall-manutenzjoni tal-altar, għas-suffraġji u għal xi spejjeż oħra waqt li l-irġiel kellhom iħallsu tliet skudi u sitt tarì kull sena għat-torċi li kienu jingħataw lill-professi ġodda dakinhar tal-professjoni.

Barra minn hekk, skont ir-regolamenti, kull min kellu xi infermità ma setax jidħol fil-Fratellanza ħlief jekk b'xi mod juri lilu nniffsu denju tal-altar. Diffiċli nifhmu l-infermità x'setgħet tkun: jew xi marda, jew xi mankament jew inkella xi stigma soċjali. Daqstant ieħor huwa diffiċli nifhmu kif wieħed seta' juri lilu nnifsu denju tal-altar: forsi jew billi jagħti xi donazzjoni ġeneruża, inkella billi juri devozzjoni partikolari, jew inkella billi juri li huwa denju li jersaq għas-sagramenti (jekk 'altar' hawn qed jirreferi għall-quddiesa).

## Il-Kumitat tal-Fratellanza

Ir-raba' parti tar-rikors tispjega x'inhu r-rwol ta' kull membru tal-Kumitat tal-Fratellanza. Interessanti li hawn id-diskors isir kollu fil-maskil – jidher illi li jkun hemm mara f'kumitat simili kienet ħaġa inkonċepibbli.

B'kollox insibu tmien rwoli: il-President, il-Prefett, l-Assistenti (tal-prefett), il-Prokuraturi, is-Segretarju, il-Kaxxier, is-Surmast tan-novizzi u l-Konsulturi.

Il-President, deskritt bħala "*il primo tra i ministri*", ma seta' jkun ħadd għajr il-Kappillan tal-Parroċċa. Dan kellu d-dritt li jkabbar id-devozzjoni lejn il-Qaddis bil-predikazzjoni u b'tagħlim ieħor. Kellu wkoll jippresiedi fil-konsulti ġenerali u privati u f'kull waħda minn dawn kellu żewġ voti. Għandna nifhmu li f'kuntest ta' attività relatata mal-Knisja, il-kelma tal-Kappillan bir-raġun kellu jkollha piż aktar minn tal-oħrajn.

Il-prefett kien dak li jissekonda lill-Kappillan, u kien ukoll il-kap tal-Fratellanza. L-assistenti tiegħu kienu jiħdulu postu f'każ li hu jkun indispost. Il-prefett ukoll, bħall-Kappillan, kellu żewġ voti fil-konsulti. Minn hawn għandna nifhmu li l-prefett kellu jkun xi ħadd li kien igawdi mill-fiduċja tal-Kappillan biex fil-votazzjonijiet ma jaħdmux kontra xulxin. Minn hawn naraw li terz tal-voti tal-kumitat kienu f'idejn il-Kappillan u l-prefett, b'hekk jekk dawn ikunu jaqblu kien ikun faċli li jimmotivaw il-votazzjonijiet favur dak li huma jaħsbu li huwa l-aħjar.

L-amministrazzjoni ekonomika tal-Fratellanza

kienet f'idejn iż-żewġ prokuraturi, u kien ukoll dmirhom li jinġabru l-flus annwali dovuti u li jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet. Għal dan il-għan kellhom iżommu żewġ kotba li fihom jinnutaw bl-eżattezza kull ma jidħol u kull ma joħroġ mill-kaxxa tal-flus tal-Fratellanza. Il-kontijiet kellhom jiġu mgħoddija kull sena fil-konsulta ġenerali wara li dawn jiġu eżaminati u approvati mill-konsulturi. Barra minn hekk kellhom ukoll iżommu u jieħdu ħsieb l-oġġetti tal-Fratellanza. Ma setgħux jagħmlu spejjeż straordinarji mingħajr l-approvazzjoni almenu tal-konsulta privata. Responsabbiltà tagħhom kien ukoll it-trasport tal-mejtin fi ħdan il-Fratellanza, biex kollox isir "*col dovuto decoro*", u kellhom jieħdu ħsieb ukoll biex wara jsir il-quddies miftiehem għas-suffraġju tal-erwieħ tagħhom. F'din l-attività kellhom ukoll jieħdu nota ta' dawk il-fratelli li ma jattendux għat-trasport tal-mejtin u dawn kellhom iħallsu multa 7 tarì u 4 grani[10] f'każ li jfallu fit-trasport ta' fratell u 3 tarì u 12-il grano f'każ ta' sorella. Dawn il-flus kellhom jingħataw lill-kaxxier u dan iżidhom mal-fond tas-suffraġji.

Hawn ir-rikors jagħti xi dettalji dwar x'kienu s-suffraġji għall-erwieħ. Meta jmut membru tal-Fratellanza (raġel jew mara), il-membri l-oħra kellhom isumu darba għalih sa sebat ijiem wara mewtu u kellhom ukoll joffru ħames posti tar-Rużarju għall-


L-Artal ta' San Ġużepp armat għall-Festa.

mistrieħ ta' ruħu. Kellha wkoll issir quddiesa kantata bl-orgni għal ruħ kull membru li jmut fuq l-Artal tal-Fratellanza, bl-ilbies funebri (iġifieri bl-iswed) u bix-xemgħat l-istess bħal fil-funeral u żewġ quddisiet letti. Barra minn dawn kienu jsiru żewġ quddisiet kantati bl-orgni oħra, waħda tmint ijiem wara l-Għid tal-Imwiet għall-membri mejtin u oħra nhar l-Ewwel tas-Sena għall-membri kollha, ħajjin u mejtin. Il-quddiesa li kellha ssir f'Novembru kellha tkun preċeduta minn parti mill-uffiċċju tal-mejtin. Il-quddiesa tal-Ewwel tas-Sena setgħet tiġi trasferita għal ġurnata oħra jekk ma jkunx possibbli li ssir dakinhar. Mill-obbligu ta' din il-quddiesa għall-membri kollha tal-Fratellanza nifhmu li l-mewt ma kinitx meqjusa bħala t-tmiem tal-professjoni fil-Fratellanza: il-mejtin ukoll kienu jibqgħu membri u fl-ewwel tas-sena jiġu mfakkra mal-bqija tal-membri ħajjin.

Is-segretarju kellu jkun preżenti f'kull laqgħa, jieħu n-noti ta' dak li jiġi deċiż, jilqa' l-voti tal-fratelli u jaqra l-istatut f'kull laqgħa ġenerali. Is-segretarju ma kellux vot deċiżiv, imma seta' jiġi kkonsultat minn membri oħra.

Il-kaxxier kellu jżomm il-flus tal-Fratellanza u għalhekk hu wkoll kellu jkollu ktieb li fih jieħu nota tal-flus li jagħti lill-prokuraturi, waqt li kull darba jtihom irċevuta minn ktieb apposta. Dan ma setax jagħmel ħlasijiet mingħajr il-permess tal-prokuraturi, u bħalhom, fil-laqgħa ġenerali ta' kull sena kellu jippreżenta r-rendikont finanzjarju.

Il-konsulturi kellhom japprovaw il-kontijiet tal-prokuraturi qabel il-laqgħa ġenerali annwali.

Fl-aħħar nett insibu l-obbligi tas-surmast tan-novizzi. Dan huwa rwol li aktar nimmaġinawh f'loku f'xi kunvent milli fi Fratellanza. Fil-fatt das-surmast kellu jagħmel kważi l-istess affarijiet li jagħmel surmast tan-novizzi f'komunità reliġjuża: kellu l-obbligu li jinforma ruħu dwar il-persuni li jagħmlu t-talba biex jipprofessaw u dwar l-imġieba tagħhom. Wara kellu jwassal dak li jsir jaf lill-kumitat f'laqgħa privata biex dawn imbagħad ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jaċċettawx il-persuni jew le. Dmiru ma kienx jieqaf hemm: wara l-professjoni hu kellu d-dmir li jikkoreġi "*con la dovuta carità*" lill-membri meta dawn jiżbaljaw u anke, jekk ikun il-każ, jinforma lill-Kappillan bl-abbużi jew id-difetti li jinnota fl-imġieba tal-fratelli u s-sorelli. Interessanti li mkien ma nsibu xi proċedura penali kellha tittieħed fuq il-membri li jibqgħu fl-iżball.

## Ir-regolamenti tal-elezzjoni

Wara dan tasal il-parti fejn ir-rikors jispjega fid-dettal kif u meta għandhom isiru l-elezzjonijiet tal-membri tal-kumitat. Dawn għandhom isiru waqt il-laqgħa ġenerali li għandha ssir kull sena Ħadd jew żewġt

lhdud wara l-Festa ta' San Ġużepp. Ma jispeċifikax jekk hux qed jirreferi għall-Festa Liturġika tad-19 ta' Marzu jew jekk hux għall-festa tas-sajf li mis-sena ta' wara bdiet issir fl-ewwel Ħadd t'Awwissu. Qabel il-laqgħa kellha ssir quddiesa konventwali li fiha kellhom jattendu l-membri professi kollha, imbagħad fi tmiem il-quddiesa kellhom jindaqqu xi tokki bil-qanpiena u tibda l-laqgħa. Ma jgħidx il-laqgħa kellhiex issir fil-knisja stess jew band'oħra.

Il-laqgħa bil-votazzjoni kellha tkun preseduta mill-Kappillan, kellu jitkanta l-Veni Creator, jinqara l-istatut mis-segretarju u mbagħad tibda l-elezzjoni, l-ewwel tal-prefett u tal-assistenti tiegħu, imbagħad tal-membri l-oħra.

Iżda qabel il-laqgħa ġenerali kellu jsir xi xogħol ieħor f'laqgħa privata bejn il-membri tal-kumitat. Kellhom jiġu nominati l-aktar tliet persuni "*delle più abili e decorate della Fratellanza*", li isimhom kellu jinqara mis-segretarju u mbagħad issir votazzjoni bejniethom it-tlieta biex min iġib l-għola numru ta' voti jsir il-prefett u t-tnejn l-oħra jkunu l-assistenti tiegħu. L-ewwel jingħataw il-voti tal-Kappillan, imbagħad tal-membri l-oħra tal-kumitat. Wara li jintgħażlu dawn, jingħataw żewġ ismijiet għal kull pożizzjoni oħra fil-kumitat u mbagħad jintgħażel wieħed minnhom għal kull post. Fil-laqgħa ġenerali, imbagħad, il-fratelli kollha japprovaw jew jirrifjutaw dak li jkun iddeċieda l-kumitat fil-laqgħa privata. Milli jidher ma kienx maħsub li l-membri setgħu qatt jaslu li ma japprovawx dak li jiddeċiedi l-kumitat għax imkien fir-regolamenti ma nsibu x'jiġri jekk dan fil-fatt iseħħ!

Mal-ewwel daqqa t'għajn din il-proċedura privata tista' tidher nieqsa mit-trasparenza u forsi xi ftit jew wisq nepotista u diskriminatorja, għax bla dubju li kienu jiġu aċċettati n-nomini ta' dawk li kienu jridu huma! Imma tajjeb li nifhmu li l-għan ta' proċedura tali kien biex fit-tmun tal-Fratellanza jkun hemm dejjem persuni kompetenti biex il-futur tagħha jkun kemm jista' jkun garantit. Din għadha l-proċedura tal-elezzjoni ta' kull kumitat ta' għaqda, każin jew partit politiku sal-lum. Li kieku kellu joħroġ għall-aktar pożizzjonijiet serji kull min irid, bla ma jkun hemm xi forma ta' filtru, diffiċli ħafna li l-ġejjieni jkun fis-sod. L-iżvantaġġ f'sistema bħal din, iżda hu li b'dal-mod, il-kumitat il-ġdid, ikun dejjem bil-'barka' tal-qadim u għalhekk il-possibiltà ta' viżjoni totalment ġdida hija ridotta ħafna.

F'din il-parti wkoll insibu min kellu dritt ikun preżenti għall-konsulta privata u kull meta din setgħet tiltaqa' u kif. Setgħu jattendu għaliha biss il-membri tal-kumitat u kellha tiġi msejħa mill-prefett wara li jkun informa lill-Kappillan. Il-prefett seta' jsejjaħ konsulta privata meta jidhirlu li huwa neċessarju, u




**L-irħama li tfakkar il-privileġġ li jgawdi l-Artal ta' San Ġużepp u li tinsab biswitu.**

kellha bilfors issir imqar waħda kull sitt xhur. F'każ li xi membri tal-kumitat ma kinux ikunu jistgħu jattendu flokhom kellhom jissejjħu l-aktar membri anzjani tal-Fratellanza.[11] Waqt il-konsulta privata kienu jiġu aċċettati jew rifjutati t-talbiet ta' min xtaq isir membru, jingħata l-mandat lill-prokuraturi biex jamministraw il-finanzi, jiġu eletti l-membri tal-kumitat biex jiġu approvati fil-laqgħa ġenerali, u kienu jiġu ndirizzati l-punti serji kollha li ma kinux jidħlu fil-kompetenza tal-laqgħa ġenerali annwali. Għal-laqgħa ġenerali kellhom jitħallew punti "*che non sono di grave importanza*".

## Id-dmirijiet ta' kull Fratell u Sorella

Naturalment kull professjoni kienet iġġib magħha wkoll numru ta' dmirijiet – ħadd ma jinkiteb f'għaqda, hi liema hi, għalxejn. L-obbligi tal-fratelli huma ovvjament marbutin mal-Fratellanza nfisha u anke ma' attivitajiet parrokkjali fil-kuntest tar-raħal.

L-ewwel obbligu li jissemma hu li kull membru għandu jattendi għal-laqgħa ġenerali ta' kull sena.

Wara nsibu d-dmirijiet imniżżlin f'din l-ordni: il-parteċipazzjoni fil-purċissjoni tal-festa tat-titular tal-parroċċa, fil-purċissjoni li s-soltu ssir fi tmiem il-Kwaranturi, fil-Purċissjoni tal-Festa ta' San Ġużepp, titular tal-Fratellanza, u fil-Purċissjoni ta' San Benedittu Martri.

Imbagħad insibu l-pieni għal min ifalli għal xi wieħed minn dawn id-dmirijiet: "*Chiunque mancherà in alcuna di queste processioni e nella Consulta generale dovrà pagare alla cassa (in pena) tarì sette e grani quattro per volta*". Fl-aħħar nett insibu nota oħra li min ifalli għall-purċissjoni li kienet issir kull tieni Ħadd tax-xahar kellu jħallas tarì wieħed kull darba.

Minn dawn l-aħħar punti tkompli tissaħħaħ il-fehma li l-għan ta' Dun Ġuzepp Barbara D. D. bħala Fundatur ta' din il-Fratellanza, kien biss wieħed pastorali, fejn il-Fratellanza tagħti sehem attiv fil-ħajja tal-Parroċċa f'kull aspett tagħha, il-



**L-arma tal-Fratellanza ta' San Ġużepp kif maħsuba mill-Kappillan Barbara.**

bogħod, almenu sa dal-punt, minn kull xamma ta' pika jew ta' firda fil-Parroċċa. L-ordni li fiha jpoġġi d-dmirijiet marbutin mal-purċissjonijiet organizzati mill-Parroċċa jagħti wkoll ħjiel ta' kif kien jidhirlu li kienet il-ġerarkija tal-importanza tagħhom fil-kuntest parrokkjali u l-esiġenza li din il-Fratellanza ġdida tieħu sehem f'kull waħda minnhom, tixhed kemm hu kien verament jemmen li l-Fratellanza kellha x'toffri b'risq il-ġid tal-komunità Koppija kollha.

## Għeluq

F'dan ir-rikors insibu wkoll nota mill-Isqof Scicluna li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex it-talba tal-Kappillan tiġi milqugħa. B'hekk ix-xewqa tal-poplu Koppi nqatgħet u d-devozzjoni lejn San Ġużepp setgħet tibqa' tikber u tissaħħaħ. Il-Fondazzjoni tal-Fratellanza kienet pass deċiżiv biex mija u ħamsa u għoxrin sena ilu twaqqaf il-Każin... tajjeb għalhekk li l-valuri oriġinali li għaliha twaqqfet din il-Fratellanza jibqgħu jkunu dawk li jmexxu d-Devoti Ġużeppini kollha.

**Riferenzi**

[1] Arkivju Arċiveskovili, *Suppliche*, vol. 79, 1878, f. 258-261b.

[2] 'Festi' simili kienu jsiru permezz ta' quddiesa kantata fuq l-artal tal-qaddis, u forsi bl-għosrien ukoll. F'parroċċi oħra nsibu ħafna festi simili li spiċċaw mas-snin.

[3] Biżżejjed insemmu l-eqdem fratellanza f'Malta, dik ta' San Ġużepp tar-Rabat, imwaqqfa fl-1508 u diversi oħrajn imxerrdin f'Malta fosthom dawk fl-Isla, il-Birgu, Bormla, il-Belt Valletta, iż-Żurrieq u Birkirkara li kollha jmorru lura ferm aktar minn tmiem is-seklu XIX.

[4] L-eqdem waħda hija tal-Imsida li saret parroċċa fl-1867, iżda dak iż-żmien kienet iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni, imbagħad bidlet it-titlu għal San Ġużepp fl-1889 meta nbniet il-knisja li hemm illum. Warajha nsibu dik tal-Kalkara, li twaqqfet fl-1897. Ma' dawn nistgħu nżidu tal-Ħamrun, li saret parroċċa fl-1881, u li jingħad li l-ħsieb oriġinali kien li tkun iddedikata lil San Ġużepp, imbagħad inbidel kollox b'ordni tal-Isqof Gaetano Pace Forno li waqqaf il-parroċċa.

[5] Dan kien il-każ per eżempju fil-knisja konventwali ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat, fejn qabel kien hemm pittura ta' San Ġużepp bil-Bambin, skola ta' Mattia Preti, li fl-1890 inbidlet ma' oħra ta' Pietro Gagliardi li tirrappreżenta lil San Ġużepp bħala l-patrun tal-Knisja u li kienet tpittret fl-1874.

[6] Każ simili kien it-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq. Skont l-istorja tal-fratellanza naraw li fost l-artali li kien hemm fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katarina fis-seklu XVIII kien hemm waħed iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, li kien artal bħall-oħrajn bla privileġġi u għaqdiet marbutin miegħu. Fl-1799 wieħed Belti mar joqgħod iż-Żurrieq minħabba l-imblokk tal-Franċiżi u dan ħadem biex din id-devozzjoni ċkejkna tikber, u kibret b'mod li sentejn wara, fl-1801, twaqqfet il-fratellanza.

[7] Każijiet simili kienu dak tal-fratellanza tas-Santissmu Sagrament u tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fl-istess parroċċa ta' Ħal Kirkop. F'żewġ rikorsi li saru fl-istess żmien mill-istess Kappillan Barbara naqraw li dawn kienu ilhom ħafna mwaqqfa f'Ħal Kirkop, imma li ma kellhomx statuti u regolamenti u lanqas ma kienu rikonoxxuti kanonikament u kien bil-ħidma ta' dan il-Kappillan li dawn ukoll irċevew l-approvazzjoni tal-Knisja, nhar l-10 ta' Ġunju 1878. (Arkivju Arċiveskovili, *Suppliche*, vol 79, 1878, f. 264, 268)

[8] It-tarì kienet munita tiżen madwar gramma deheb li oriġinarjament kienet maħduma mill-Għarab fis-seklu X. F'Malta baqgħet tiġi mminata (b'taħlita ta' deheb, fidda u ram) sal-1859 u baqgħet tintuża sa ħafna snin wara.

[9] Joseph M. Cassar, *Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop. L-istorja ta' mitt sena 1878-1978*, Malta 1978, 2.

[10] il-grano kien qies ta' flus relatat mat-tarì. 20 grano kienu jagħmlu tarì.

[11] Mhux ċar jekk "*altri Fratelli dei più anziani*" hux qed jirreferi għal min kellu l-aktar età jew għal min l-aktar li kien ilu profess. Waqt li f'dak iż-żmien kien hemm ħafna rispett għall-opinjoni ta' min hu avzanzat fl-età, ma nistgħux neskludu li kienet tingħata mportanza wkoll lil min kien ilu membru u għalhekk jifhem aktar il-polz tal-Fratellanza.